MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' April, 2003

Joseph Vella
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1998, 1989, u l-1990 huwa sofra ingustizzja f'li gie mcahhad milli jattendi Courses imnieda mill-istess Forzi Armati u ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien impjegat ma' l-Armata bhala photographer u skrivan. Wara xi hames (5) snin jaghmel dan ix-xoghol, fil-25 ta' Settembru 1988 minghajr ebda raguni, gie trasferit ghal Maritime Squadron taht il-Lt. Col. George

Cini, bhala skrivan. Dik is-sena stess kienu saru l-Cadre Courses, u r-rikorrent ma giex maghzul mis-superjuri tieghu biex jattendi dan il-Course, allavolja kellu l-kwalifiki mehtiega.

Fl-istess sena kienu hargu l-promozzjonijiet ghall-grad ta' Lance Bombardier u allavolja r-rikorrent kellu l-kwalifiki mehtiega huwa ma nghatax din il-promozzjoni. Ta min wiehed josserva illi kollegi tar-rikorrent b'inqas kwalifiki u esperjenza minnu nghataw din il-promozzjoni.

Fl-1989, kienu saru l-Courses tas-Second Class Education. Ir-rikorrent, wara li kien applika biex jattendi dawn il-Courses u sahansitra attenda zewg lezzjonijiet gie mcahhad milli jkompli jattendi aktar lezzjonijiet minhabba l-fatt illi r-rikorrent kien l-uniku ufficjal mill-Maritime Squadron illi kien gie ordnat biex jibqa' l-ufficju sa l-erbgha ta' wara nofs in-nhar u dan meta l-lezzjonijiet kienu jibdew fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar.

Meta l-1990 hargu promozzjonijiet godda, ir-rikorrent gie trasferit ghall-Barracks ta' Hal-Luqa u b' konsegwenza ta' hekk gie mcahhad minn bosta promozzjonijiet.

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad minn promozzjonijiet li kien intitolat ghalihom.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjonijiet li haqqu b'effett minn meta kien intitolat li jiehu dawn il-promozzjonijiet u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana

taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti.:

Illi normalment ma tinghatax raguni ghaliex tkun giet trasferita minn sezzjoni ghal ohra, specjalment meta dawn it-trasferimenti jkunu fi hdan l-istess Regiment.

Illi l-ghazla biex persuna tattendi ghal korsijiet Cadre hija bazata fuq rakkomandazzjoni tal-Ufficjal li jikkmanda s-sezzjoni fejn ikun jahdem l-individwu u tiddependi wkoll minn numru ta' vakanzi allokati lil kull sezzjoni ghal dan il-kors.

Illi rrizulta li fil-promozzjonijiet tal-1988, dawk li hadu promozzjoni kellhom kwalifiki aktar jew daqs ir-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela' vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-Avviz Legali numru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, l-intimat issottometta li ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed ir-rikorrent u kkonferma l-ezattezza tar-rikors tieghu. Qal li l-ilment tieghu hu bazat fuq il-promozzjonijiet li hargu b' effett mill-11 ta' Mejju 1988. Kompla jghid li meta hargu l-promozzjonijiet hu ma kellu ebda restrizzjoni medika. Hu ma kienx talab biex jigi trasferit il-Maritime Squadron.

Il-Kurunell George Cini xehed li fl-1988 hu kien Kaptan il-Maritime Squadron u li r-rikorrent kien jahdem tahtu u kellu l-impressjoni li kien Gunner. Ix-xhud kien ghadu relattivament gdid hemmhekk u ghalhekk kien baghat ghal ta' tahtu biex jirrakkomandawlu min fil-fehma taghhom kellu jattendi ghall-Cadre Course, u isem ir-rikorrent ma kienx fuq din il-lista. Apparti hekk ir-rikorrent ma kienx wiehed minn ta' quddiem skond in-numru li talbu. Meta kienu jsiru korsijiet waqt il-hinijiet tax-xoghol kienu japplikaw kwantitajiet kbar pero` meta kienu jsiru wara l-hinijiet tax-xoghol ftit li xejn kienu japplikaw. Qal li ghall-korsijiet waqt il-hin tax-xoghol kienet tkun bicca difficli tara lil min tista' tisperjah biex jaghmel il-kors. Ma setax jiftakar il-kaz li r-rikorrent kien xtaq jattendi xi kors.

Ma ftakarx meta r-rikorrent gie trasferit ghall-barracks ta' Hal-Luqa. Meta r-rikorrent kien spicca minn hemmhekk ix-xhud ma hax gost ghax kellu bzonn kull ragel li jahdem. Ir-rikorrent kellu xoghol bhala skrivan pero' kellu kapacita fuq il-fotografija wkoll. Hu kien utli hafna bil-camera tas-servizz.
Meta kien ser isir course ta' l-Education Class x-xhud kien rega talab ir-rakkomandazzjonijiet minghand ta' tahtu u mbaghad ha d-decizjoni. L-ewwel kriterju li kellu jigi applikat kienet l-efficjenza. Kien iqis il-fattur tal-bniedem biex jigi 'replaced' pero' qatt ma kien ihassarlu l-futur jekk

kien ikun haqqu jigi moghti l-opportunita` li jsegwi kors. Ma ftakarx li r-rikorrent kien beda l-kors u gie ordnat li jirritorna lura ghax-xoghol. Qal li jista' jkun hemm xi kaz fejn il-clerk ikun qal lix-xhud li persuna hija essenzjali u f'dak il-kaz ikun talbu jigi lura.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li qal li dwar il-fatt li r-rikorrent kien gie mwaqqaf milli jkompli jattendi s-Second Class Education fl-1989 ipprezenta dokument iffirmat mir-rikorrent stess li juri li kien ir-rikorrent li talab li jieqaf. B'rizultat ta' dik it-talba harget ittra mill-Headquarters tal-Forzi Armati u r-rikorrent inqata mill-lista ta' dawk li kellhom jattendu ghall-kors.

Qal ukoll li r-rikorrent kellu kaz tad-dixxiplina fis-7 ta' Jannar 1988 u iehor fil-25 ta' Settembru 1988 u fihom kien nstab hati u wehel Lm20 u Lm5 rispettivament.

Ipprezenta lista ta' promozzjonijiet li saru minn Gunner ghal Lance Bumbardier tal-Forzi Armati ta' Malta b'effett mill-1 ta' Ottubru 1990. Ipprezenta wkoll lista ta' promozzjonijiet li hargu fit-Task Force b'effett mill-11 ta' Mejju 1988. Ir-rikorrent sa dak iz-zmien kien ghadu jifforma parti mit-Task Force.

Ipprezenta wkoll skeda li turi l-ammont ta' granet li r-rikorrent kien marid id-dar bejn l-1984 u l-1992, kif ukoll ezenzjoni minn duties militari, kif ukoll x' inhi l-ezenzjoni. Fl-1988 per ezempju r-rikorrent kellu 39 gurnata sick id-dar u 127 ezenti minn xoghol militari, specifikament ma setax juza idu x-xellugija u ghaldaqstant ma setax jaghmel duties bl-arma. Jidher li din kienet ir-raguni ghalfejn ir-rikorrent ma giex rikmandat f' dan l-ezercizzju. Rigward il-promozzjonijiet tal-1990 ma jidhirx li kien hemm rakkomandazzjoni pero` ghaliex ma kienx hemm rakkomandazzjoni ma rrizultax mid-dokument. Qal li kienu saru zewg Cadre Courses wiehed mill-1 ta' Awissu 1988 sat-13 ta' Settembru 1988 u iehor mill-10 ta' Ottubru 1988 sal-4 ta' Novembru 1988.

Xehed Dr. Robert Galea tabib mal-Armata. Qal li r-rikorrent fl-1988 ghamel perjodu ta' sick leave bejn it-13

ta’ Marzu u t-22 ta’ April meta dahal bil-light duties ghax ma setax juza idu x-xellugija u jaghmel ghases bil-lejl ghal xhur shah. Minhabba ragunijiet medici ma setax jaghmel il-Cadre Course. Fl-1986 ukoll kellu problemi medici. Kellu wkoll xi granet ohra ‘l hawn u l’ hemm pero` ta’ ebda importanza. Fl-1989 ma kienx hemm granet sick leave fit-tul u anqas irrizultawlu exemptions ghalkemm dan ma jfissirx li certament ma kienx hemm ghax mhux dejjem jitnizzlu ghax li jigri normalment meta jkollok individwu li jkollu restrizzjoni medika jinghatalu xoghol li jkun dettaljat ghalih allura ma hemmx ghalfejn jibqghu jidhru r-restrizzjonijiet li jkollu. Fl-1990 seta’ kien hemm xi gurnata ‘l hawn u ‘l hemm izda mhux perjodi fit-tul. Fl-1990 kien hemm recurrence tal-kundizzjoni tal-1986. Dawn ir-restrizzjonijiet seta’ kellhom effett fuq il-promozzjoni tal-individwu.

Kompla jghid li n-nuqqas ta’ sahha tar-rikorrent affettwatu fis-sens li kellu restrizzjonijiet ta’ duties. Dawn kienu temporanji pero` ghal numru ta’ xhur. Waqt il-hin tax-xoghol ir-rikorrent kienu ikollu jattendi ghall-kura, u kien ikollu jattendi l-isptar ghal saghtejn kull darba, u gieli darbtejn fil-gimgha. Fit-2 ta’ Frar 1988 kien ghamel rapport dwar ir-rikorrent. L-Armata ma jkollhiex records tal-isptar ghad-dispozizzjoni taghha izda meta l-Armata tirreferi lin-nies tal-Armata lit-tobba u konsulenti, dawn jaghmlu r-rapport taghhom lill-Armata. Dan ikun rapport separat minn dak li jinsab l-isptar. Ir-rikorrent kien qieghed jigi ezaminat mill-Prof. Abraham Galea u mis-Psychologist Paul Sciberras.

Fl-1988 ir-rikorent ha 39 gurnata sick leave inkluz iz-zmien li ghamel l-isptar. L-ewwel ansjeta` fir-rikorrent kienet harget f’ Novembru 1986 u minhabba fiha hu kien riferut ghand il-Professur Galea. Id-dijanjosi tieghu kienet li r-rikorrent kellu dipressjoni u ansjeta` u “was resorting to alcohol to solve his problems”. Ma rrizultax li fl-1986 ir-rikorrent ha xi sick leave. Minn hemm ‘il quddiem beda jattendi ghal psycho-therapy ghand Mr. Paul Sciberras darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba. Din damet bejn Dicembru 1986 u Jannar 1987. Fl-1987 sick leave dwar dan il-kaz ir-rikorrent ma ha xejn. Meta kien imur l-

isptar ma kienx jinhariglu certifikat tas-sick leave. Sick leave iehor ma kienx ha. Fl-1988 ma hax sick leave in konnessjoni ma' din il-kundizzjoni. Fl-1989 ha xi ftit granet sick leave u cioe` xi tnejn jew tlieta, u l-istess fl-1990, u dawn ma jidhirx li kienu relatati ma' din il-haga. Fl-1990 kellu recurrence tal-anxiety state.

**KONKLUZJONIJIET:**
Meta wiehed jezamina l-iskeda tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju, 1988 isib li r-rikorrent inqabez minn sitta w ghoxrin persuna. Hu kellu Class III Education bhala Trades kellu Clerk B3 u ma kellux il-Cadre Course. Ma kienx l-uniku li ma kellux il-Cadre Course u infatti kien hemm tlieta li ma kellhomx il-Cadre Course u saru. Fil-fehma tat-Tribunal kien hemm tlieta w ghoxrin persuna li kienet komparabbli fil-kwalifiki u meta wiehed iqis il-problemi li kellu r-rikorrent zgur li ma kienx hemm ingustizzja fil-fatt li r-rikorrent inqabez. Mario Cauchi kellu nil fl-Education, Nil fit-Trades u Cadre Course D; Carmel Gatt kellu nil fl-Education, Nil fit-Trades u Cadre Course C; u Stephen Zerafa kellu nil fl-Education, Nil fit-Trades u Cadre Course C. Dawn certament kienu inferjuri sewwa ghar-rikorrent anke meta wiehed iqis il-problemi tar-rikorrent. Wara kollox ir-rikorrent kien ukoll senior tal-imsemmija Cauchi, Gatt, u Zerafa.

Dwar seniority it-Tribunal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Lance Bombardier b’effett mill-11 ta’ Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bin-nofs.

--------------------------------TMIEM--------------------------------